Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Edwina Grima LL.D.

Appell Nru: 131/2016

Il-Pulizja

Vs

Stanley Chircop

Illum 22 ta' Settembru, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Stanley Chircop detentur tal-karta tal-identita Maltija bin-numru 239371 M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali talli:

Fit-18 ta' Mejju, 2014 ghall-habta tas-19.20 hrs gewwa Triq Santu Rokku, B'Kara:

1. Saq jew ipprova isuq jew kellu kontroll tal-vettura Nru AAI 992 fi triq jew f'post pubbliku meta ma kienx f'kundizzjoni li jsuq minhabba xorb jew drogi;
2. U aktar talli rrifjuta jew naqas milli jaghti skont il-ligi kampjun tan-nifs jew kampjun tal-urina;
3. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' vettura nru IBJ 551 u involontarjament ikkaguna hsara ghad-dannu ta' Joseph Vassallo;
4. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskurgani jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma'

barrier u involontarjament ikkaguna hsara lill-istess barrier ghad-danni tal-Kunsill Lokali ta' Birkirkara;

5. U b'nuqqas ta' hsieb u bi traskuragni jew b'nuqqas ta' hila fl-arti jew professjoni jew b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, habat ma' hajt ta' residenza 144, Triq Santu Rokku, Birkirkara ghad-dannu ta' Catherine Fenech;
6. Saq vettura AAI 992 bla kont, b'manjiera perikoluza u b'manjiera traskurata; u
7. Talli fl-istess data, hin u f'lok pubbliku jew miftuh ghall-pubbliku, kien fis-sakra b'mod li ma kienx jista' jiehu hsieb tieghu inniffsu.

Rat it-talba tal-prosekuzzjoni sabiex f'kaz ta' sejbien ta' htija tal-imputat, tiskwalifika lill-istess mil-licenzji kollha tieghu tas-sewqan, ghall-perjodu ta' zmien li jidhrilha xieraq;

Rat is-sentenza tal -Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali, tat-3 ta' Marzu, 2016, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 15A, 15E u 15(1)(a)(2) tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta u l-Artikoli 328 u 338(ff) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u stante li hemm provi cirkostanzjali bizzejjed sabiex jinducu l-Qorti tkun konvinta li l-imputat kien xurban fil-mument meta habat, sabet lill-imputat Stanley Chricop hati tal-ewwel (1), tieni (2) u sitt (6) akkuza kif dedotti kontrih u stante li s-seba' (7) akkuza hija assorbita fl-ewwel (1) akkuza, ikkundannatu ghal multa ta' elf u hames mitt Ewro (€1,500) kif ukoll sospensjoni tal-licenzja tas-sewqan ghal zmien sitt (6) xhur dekorribbli min-nofs il-lejl ta' ghada filghodu. Filwaqt, li iddikjarat Procediment Ezawrit fit-tielet (3) akkuza stante hlas u illiberatu mr-raba' (4) u hames (5) akkuza kif dedotti kontrih fuq nuqqas ta' provi.

Finalment, spjegat fi kliem semplici lill-imputat ir-riperkussjonijiet jekk tali ordni ma tigix obduta.

Rat ir-rikors tal-appell tal-imputat Stanley Chircop, pprezentat fir-registru ta' din il-Qorti fl-14 ta' Marzu, 2016, fejn talab lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:

1. Tirrevoka s-sentenza appellata u cioe dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) deciza fit-3 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet hawn fuq premessi u konsegwentament;
2. Tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrieh kif ukoll minn kull piena u htija skond il-ligi;
3. Alternittivament tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront ta' l-appellant u tnaqqas b' mod sostanzjali l-piena lilu nflitta, hekk kif jidrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellat esebita mill-prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat illi l-aggravji tal-appellant Stanley Chircop huwa car u manifest fis-segwenti:-

1. Illi l-Qorti tal-Magistrati (Malta) naqset totalment milli taghti raguni ghalfejn l-imputat nstab hat ital-akkuzi migjuba kontra tieghu u dana b' konsegwenza illi d-dritt tieghu ta' l-appell gie ippregudikat peress illi l-ghan li jkun hemm ragunijiet prezenti f' sentenza huwa sabiex l-imputat jkun jaf ghal liema raguni jkun instab hati u sabiex ukoll jigi prottet id-dritt tal-Appell tal-imputat stess. Illi ghalhekk fl-umli opinjoni tal-esponent l-ewwel Qorti naqset totalment milli taghti ragunijiet xierqa li jaghtu spjegazzjoni ghalfejn l-istess esponenti instab hat ital-akkuzi surreferiti;

2. Illi l-elementi tat-tieni akkuza huma ghal kollox inkonsistenti mal-provi prodotii. Illi effetivament, l-imputat ta' kampjun tan-nifs kif inhu rikjest mill-ligi u dana ukoll skond l-affidavit prodott mill-prosekuzzjoni stess senjament

ix-xhieda PS 1157 Bertly Aquilina fejn ikkonfermat hi stess illi l-imputat accetta illi jittiehdu kampjuni tan-nifs;

'Ghalhekk il-vettura tieghu giet mehuda quddiem id-dar tal-genituri tieghu gewwa Triq l-Isqof Labini B' Kara u wara hemm Stanley tnizzel l-Ghassa tal-Mosta sabiex jsirlu Breathlizer. Hemm nghata s-solitu twissija fejn Stanley accetta li jittiehdlu kampjun tan-nifs'

Illi ghalhekk il-provi fuq it-tieni akkuza juru b' mod car illi effetivament l-esponenti ta' kampjun tan-nifs lil Pulizija u li frankament din il-prova tohrog minn dik pprovduta mill-prosekuzzjoni stess. Ghalhekk, johrog car il-fatt illi l-appellant la rrifjuta u lanqas naqas illi jaghti dan il-kampjun;

3. Illi l-principju ta' in dubio pro reo ma kienx applikat meta l-ewwel Qorti ppronunzjat htija fuq l-ewwel u s-seba' akkuzi migjuba fil-konfront tal-imputat. Illi l-prosekuzzjoni kellha d-dmir illi taghti prova oggettiva li l-imputat kien xurban waqt li sehh l-incident li fil-fehma tal-esponenti l-prosekuzzjoni naqset totalment sabiex taghmel dan. Illi x-xhieda tal-prosekuzzjoni stess tghid illi r-rizultat tal-kampjun tan-nifs kien wiehed inkonklussiv u li effetivament ma jaghtix ebda prova dwar l-istat tal-imputat meta sehh l-incident.

   In oltre, sabiex wiehed jinstab hati li kien qed jsuq that l-effett tax-xorb jrid jkun hemm porzjon tal-alkohol fin-nifs, fid-demm jew fl-urina tieghu li jkun izjed mill-limitu preskritt. Illi l-istess ligi taghti lok lill-Pulizija sabiex tiehu kampjun tan-nifs u kif ukoll tad-demm u urina. Fil-fatt l-artikolu 15 E tal-Kap 65 tal-Ligijiet ta' Malta taghmilha cara li:

   15E. (1) Sabiex jiġi deċiż jekk persuna għamlitx xi reat taħt l-artikoli 15A u 15B(1) uffiċjal tal-Pulizija jista' jeħtieġ li dik il-persuna -

*(a)* tagħti kampjun tan-nifs jew kampjun għall-analiżi permezz tal-istrument approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u r-riżultat hekk miksub għandu jkun ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju; jew

*(b)* tagħti kampjun jew kampjuni tad-demm u l-urina għall-analiżi tal-laboratorju, li għandhom isiru fil-laboratorju approvat, skont ir-regolamenti magħmula taħt din l-Ordinanza, u l-opinjoni tal-analista f'dak il-laboratorju u r-riżultati tal-analiżi għandhom ikunu ammissibbli bħala prova f'kull proċediment għal reat taħt l-artikoli 15A jew 15B(1). Ir-riżultati tal-analiżi għandhom jiġu preżunti bħala korretti sakemm ma jiġix ppruvat il-kuntrarju: Iżda l-uffiċjal tal-Pulizija jista'

Illi l-element important huwa fl-ewwel sentenza tal-artikolu 15 E illi jaghti indikazzjoni cara illi sabiex persuna tinstab hatja tal-artikoli 15 A u 15 B irid jkun hemm prova tal-livelli tal-alkohol fin-nifs jew fid-demm u fl-urina. Fil-kaz in kwistjoni, l-esponenti ta kampjun tan-nifs u li effetivament ir-rizultat tieghu kien wiehed inkonklussiv u dana wara li l-istess test sar erba' darbiet. Illi l-Pulizija kellha kull dritt titlob lill-imputat jaghti kampjun tad-demm u l-urina pero' dawn naqsu milli juzaw din il-fakulta' moghtija lilhom skond il-ligi. Illi dan kollu certament johloq konfliggenza fil-provi prodotti mill-prosekuzzjoni meta hemm dubbji serji dwar l-allegazzjonijiet li l-imputat kien taht l-effett tax-xorb meta sehh l-incident u dana ghar-raguni illi l-unika prova prodotta dwar il-kwistjoni tax-xorb kien kampjun tan-nifs li ta rizultat inkonklussiv.

In oltre, il-gurisprudenza qalet is-segwenti fuq kawza simili hafna tal-kaz in kwistjoni:

‘Rigward it-tieni akkuza dak illi irrifjuta jew naqas illi jaghti kampjun tan-nifs irrizulta illi l-appellant accetta illi jiehu dan l-ezami li kien inkonklussiv. Mhuwiex ezattament car il-ghala dana sar. Il-Pulizija Haber tghid illi l-appellant ma kienx qed jonfoh bizzejjed u s-surgent deherilha illi l-appellant kien qieghed jghaddihom bi zmien. Pero’ qalet ukoll illi l-appellant kellu xi problem f’ qalbu fejn allura s-surgent ma komplietx tinsisti illi jsir dan it-test. Pero’ zgur l-appellant la rrifjuta u lanqas naqas illi jaghti dan il-kampjun. Kwindi hawn ukoll il-Qorti ssib li ma tistax issib htija fuq it-tieni akkuza. Kwindi, fuq dan il-kaz irrizulta illi l-appellant kien qieghed isuq b’ mod galbat, bil-mod fuq in-naha tax-xellug tat-triq. Is-sewqan tieghu la kien perikoluz, la traskurat u lanqas bla kont. Pero l-Pulizijam xammew riha ta’ xorb. Kwindi l-unika haga illi l-appellant jista’ jigi addebitat biha hija propju din l-ahhar cirkostanza li fiha nnifisha mhuwiex test.’

Ghalhekk, l-evidenza pprezentata mill-prosekuzzjoni tohloq dubji serji u ghaldaqstant ghandu japplika l-principju ta’ in dubio pro reo, liema principju f’ kaz ta’ ezistenza ta’ dubju ghandu dejjem imur favur l-akkuzat;

4. Illi l-akkuzat instab hati illi saq il-vettura bla kont, b’ manjiera perikoluza u b’ majiera traskurata. Illi pero’, l-imputat b’ ebda mod ma kien qieghed isuq b’ mod perikoluz cioe kontra r-regolamenti tat-traffiku. Dan kien semplicimentincident ta’ kuljum u l-prosekuzzjoni ghal darba ohra ma gabret ebda prova illi turi li l-imputat b’ xi kwalunkwe mod kien qieghed isuq kontra r-regolamenti tat=traffiku;

5. Salv aggravji ohra.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali fil-kors tat-trattazzjoni orali minnu maghmula jecepixxi in linea preliminari n-nullita' tal-appell stante li ma ntalbitx ir-riforma tas-sentenza appellata, izda ir-revoka taghha u dan meta l-appellanti kien gie illiberat minn uhud mill-akkuzi migjuba kontra tieghu w dan bi ksur ta' dak li jiddisponi *ad validitatem* l-art. 419 (1)( c ) tal-Kodici Kriminali. Illi l-Qorti mal-ewwel tistqarr illi l-Avukat Generali ghandu ragun.

Illi l-appellanti kien akkuzat b' diversi reati fejn l-Ewwel Qorti sabet htija biss ghall-ewwel, it-tieni, is-sitt u is-seba akkuzi, iddikjarat il-procediment ezawriet fir-rigward tat-tielet akkuza u illiberat l-appellanti mir-raba u hames akkuzi migjuba fil-konfront tieghu.

B' dana kollu fl-ahhar paragrafu tar-rikors tieghu l-appellanti talab testwalment hekk :-

"*li din l-Onorabbli Qorti joghogobha,:*

1. *tirrevoka s-sentenza appellata u cioe' dik tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) deciza fit-03 ta' Marzu 2016 fl-ismijiet hawn fuq premessi u konsegwentement;*
2. *Tilliberah mill-akkuzi kollha migjuba kontrieh kif ukoll minn kull piena u htija skond il-ligi;*
3. *Alternattivament tirriforma l-imsemmija sentenza fil-konfront ta'l-appellant u tnaqqas b'mod sostanzjali l-piena lilu inflitta, hekk kif jidhrilha xieraq din l-Onorabbli Qorti."*

Ikkunsidrat ;

Li hemm lista formidabbli ta' decizjonijiet ta' din il-Qorti diversament presjeduta fejn dejjem giet dikjarata n-nullita' tal-appell - liema nullita' hija anki **sollevabbli "ex officio"** - u dan meta talba kellha tkun dik ta' riforma jew varjazzjoni tas-sentenza, izda, minnflok tintalab ir-revoka taghha. Dan igib bhala konsegwenza li

ma jkunx gie osservat il-paragrafu (c) tas-subartikolu (1) tal-Artikolu 419 tal-Kodici Kriminali , b'mod ghalhekk li l-istess rikors tal-appell ikun null . (App. Krim. **Pul. vs. Mario Camilleri** –[3.12.2001]; **Il-Pulizija vs. Joe Borg** [21.7.1995] u ohrajn ).

Illi din il-Qorti diversament preseduta dahlet *funditus* f'din il-kwistjoni fl-appell kriminali "**Il-Pulizija vs. Joseph Galea** [ 30.6.1995]) Per V. De Gaetano J. fejn gie ritenut li :-

*"minn ezami tal-gurisprudenza rigward in-nullita' ta' appell, il-Qorti ta' l-Appell Kriminali waslet ghas-segwenti konkluzzjonijiet :-*

*(a) Bhala regola generali, l-artikolu 419 (1) , cioe' li r-rikors ghandu jkun fih it-talba ghat-thassir **jew** ghat-tibdil tas-sentenza , giet "very strictly and rigidly interpreted" - ("**The Police vs. John Hill"**, Criminal Appeal, [23.9.1972]*

*(b) ghalkemm il-ligi titkellem dwar talba ghat-thassir jew ghal tibdil , fil-prassi ta' din il-Qorti dejjem gie accettat , fil-kazijiet li hekk jippermettu , li jkun hemm kemm talba ghat-thassir kif ukoll talba ghat-tibdil , PURCHE' LI DIN IT-TALBA TKUN SUBORDINATA GHALL-EWWEL WAHDA (emfasi ta' din il-Qorti). In fatti ,anki jekk jintalab biss it-thassir , din il-Qorti tista' flok thassar ghal kollox is-sentenza u konsegwentement tillibera lill-appellant jew issib hati lill-appellat - skond min ikun appella - tilqa' l-appell in parti u tbiddel is-sentenza , per ezempju limitatament ghall-piena inflitta fuq l-appellant . **Mill-banda l-ohra, jekk is-sentenza appellata tkun in parti sabet hati lill-appellant u in parti illiberatu minn xi akkuzi jew imputazzjonijiet , gie dejjem ritenut li jekk flok talba ghat-tibdil issir talba ghat-thassir, ir-rikors ikun null.** " (emfasi ta' din il-Qorti), (**Pul.vs. Anthony Zammit** , [1.10.60], Vol. XLIV , iv. p.940; **Pul. vs. Richard Vincenti Kind** , App. Krim. [16.9.72]; **Pul. vs. Carmelo Agius** , App. Krim. 14.10.1972)[1].*

---

[1] Ara ukoll*: "**La Polizia vs. Ernesto Laiviera**", [18.10.1930] ; Vol. XXVII , iv. P.829; "***La Polizia vs Carmelo Carabott et**." [8.11.1933], Vol. XXVIII, iv. P.205; **Pulizija vs. Francis Saviour Zammit Cutajar** , App.Krim. [23.1.1971]; **Pulizija vs. Carmelo Farrugia et.** App. Krim. [11.11.1976] ; **Pulizija vs. Carmelo sive Lino Scicluna** , App. Krim.[ 1.9.1977]; **Pulizija vs. Victor Anthony Camilleri et** ,[ 26.4.1985]**;** **Pulizija vs. Anthony Zammit** [1.10.1960] Vol. XLIV , iv. P.940 **; Pulizija vs. Richard**

Illi fid-dawl tal-gurisprudenza fuq citata, ghandha tintalab ir-revoka **JEW** ir-riforma w fil-fatt hekk tghid il-ligi fl-artikolu fuq citat .

Ghalhekk fil-kaz in ezami ladarba l-appellanti ma kienx gie misjub hati tal-akkuzi kollha dedotti kontra tieghu imma biss tal-ewwel, it-tieni, is-sitt u s-seba' imputazzjoni w ma nstabix hati w gie liberat mir-raba u il-hames imputazzjoni, filwaqt li gie iddikjarat il-procediment ezawriet ghar-rigward tat-tielet imputazzjoni, **huwa kellu fl-ewwel lok jitlob ir-riforma tas-sentenza appellata** u mhux ir-revoka taghha fl-intier, u dan billi tigi ikkonfermata dik il-parti fejn huwa gie illiberat u fejn il-procediment gie dikjarat ezawriet u minflok tintalab ir-riforma biss f'dak li jirrigwarda l-imputazzjonijiet fejn instabet il-htija u fil-piena inflitta. Dan ghaliex huwa anke kontro-sens illi tintalab mill-appellanti ir-revoka ta' dik il-parti tad-decizjoni appellata fejn huwa ikun gie illiberat minn xi akkuzi!

Ghal dawn l-motivi u fid-dawl ta' din l-interpretazzjoni tal-pozizzjoni guridika din il-Qorti tiddikjara l-appell irritwali w null u konsegwentement tastjeni milli tkompli tiehu konjizzjoni ulterjuri tieghu.

(ft) Edwina Grima
Imhallef
VERA KOPJA

Franklin Calleja
Deputat Registratur

---

**Vincenti Kind ,** App. Krim. [16.9.1972] ; **Pulizija vs. Carmelo Agius** App. Krim. [14.10.1972]; **Pulizija vs. Emmanuel Bonnici** , App. Krim. [5.10.1990]; **Pulizija vs. Joseph Desira** [18.3.1972] **;** **Pulizija vs. Crusifix Buttigieg** , [18.3.1972]; u **Pulizija vs. John Vella Chritien** App. Krim. [6. 5. 1972] u **Il-Pulizija vs. Jesmond Farrugia** [13.2.2001].